

32000D0244

28.3.2000

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 77/11

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta' l-20 ta' Marzu 2000

li temenda d-Deċiżjoni 97/787/KE li ttipprovdi għajnuna finanzjarja eċċezzjonali għall-Armenja u l-Ġorġja biex din jestenduha għat-Taġikistan

(2000/244/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 308 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposti mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾;

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 97/787/KE ttipprovdi għajnuna finanzjarja eċċezzjonali għall-Armenja u l-Ġorġja ⁽²⁾.
- (2) Flimkien mad-Deċiżjoni tiegħu li ttipprovdi għajnuna finanzjarja eċċezzjonali għall-Armenja u l-Ġorġja, il-Kunsill qabel ukoll li jikkunsidra operazzjoni simili għat-Taġikistan meta ċ-ċirkustanzi jkun jippermettu.
- (3) It-Taġikistan qiegħed iwettaq riformi ekonomiċi u politiċi fundamentali u qiegħed jagħmel sforzi sostanzjali biex jimplimenta mudell ta' ekonomija tas-suq.
- (4) Fid-dawl tar-riżultati tal-bidu, partikolarment f'termini ta' awment u kontroll ta' l-inflazzjoni, dawn ir-riformi għandhom jitkomplew bl-għan prinċipali li jtejbju l-kondizzjonijiet ta' l-għixien tan-nies u l-ħolqien ta' l-impiegi.
- (5) Rabtiet ta' negożju, kummerċjali u ekonomiċi huma mistennija li jiżviluppaw bejn il-Komunità u t-Taġikistan. It-Taġikistan huwa eliġibbli għall-Ftehim ta' Sħubija u Koperazzjoni mal-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri

tagħhom u talab formalment li jibbenefika minn dan il-ftehim mill-akar fis possibli.

- (6) It-Taġikistan qabel mal-Fond Monetarju Internazzjonali (FMU) f'Ġunju 1998 dwar faċilità ta' aġġustament strutturali mtejba.
- (7) L-awtoritajiet tat-Taġikistan intrabtu formalment li jħallsu l-obbligazzjonijiet finanzjarji dovuti kollha tagħhom mal-Komunità u t-Taġikistan jiżgura rati minimi ta' skuntar ta' l-obbligazzjonijiet Komunitarji pendenti.
- (8) L-awtoritajiet tat-Taġikistan talbu formalment appoġġ finanzjarju eċċezzjonali mill-Komunità.
- (9) It-Taġikistan huwa pajjiż bi dħul baxx u qiegħed iħabbat wiċċu ma' ċirkustanzi ekonomiċi, soċjali u politiċi partikolarment kritiċi. Dan il-pajjiż huwa eliġibbli għal self b'konċessjoni tajba ħafna mill-Bank Dinji u l-FMU.
- (10) L-għajnuna finanzjarja b'konċessjoni mill-Komunità fil-forma ta' taħlita ta' self fit-tul u għotjiet diretti hija miżura appropjata biex tgħin il-pajjiż benefiċjarju f'dan il-mument kritiku.
- (11) Din l-għajnuna, kemm il-komponent tas-self kif ukoll dak ta' l-għotja, huwa eċċezzjonali ħafna u għalhekk bl-ebda mod ma' jikkostitwixxi preċedent.
- (12) L-inklużjoni ta' komponent ta' għotja f'din l-għajnuna huwa mingħajr preġudizzju għall-poteri ta' l-awtorità tal-budget.
- (13) Din l-għajnuna għandha tiġi amministrata mill-Kummissjoni.
- (14) Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-għajnuna finanzjarja tintuża skond ir-regoli tal-kontroll tal-budget.

⁽¹⁾ L-Opinjoni mogħtija fis-17 ta' Diċembru 1999 (għadha ma' ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽²⁾ ĠU L 322, tal-25.11.1997, p. 37.

- (15) Waqt l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra b'mod xieraq il-progress li jkun sar fil-proċess tal-paċi interna fit-Taġikistan u, partikolarment, fl-organizzazzjoni ta' elezzjonijiet taħt kondizzjonijiet aċċettabbli.
- (16) Il-Kummissjoni kkonsultat il-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju qabel ma' ressqet il-proposta tagħha.
- (17) It-Trattat ma' jipprovdix, għall-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, poteri oħra ħlief dawk ta' l-Artikolu 308,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu uniku

Id-Deċiżjoni 97/787/KE qiegħda permezz ta' din id-Deċiżjoni tiġi emendata kif ġej:

1. L-Artikolu minn 1(1) sa (3) għandhom jiġu mibdula b'dan li ġej:

“1. Il-Komunità għandha tagħmel disponibbli lill-Armenja, lil Ġorġja u lit-Taġikistan għajjnuna finanzjarja eċċezzjonali, fil-forma ta' self fit-tul u ta' għotjiet diretti.

2. Il-komponent totali ta' self ta' din l-għajjnuna għandu jamonta għal prinċipal massimu ta' 245 miljun EUR, b'maturità

massima ta' 15-il sena u perjodu fuq ir-riħ ta' 10 snin. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tisselef, fisem il-Komunità, ir-riżorsi neċessarji li għandhom jit-qiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pajjiżi benefiċjarji fil-forma ta' self.

3. Il-komponent ta' għotja ta' din l-għajjnuna għandu jikkonsisti f'ammont ta' sa 130 miljun EUR matul il-perjodu ta' bejn l-1997 sa l-2004, b'massimu ta' 24 miljun EUR kull sena. L-għotjiet għandhom isiru disponibbli safejn il-pożizzjoni ta' debituri netti tal-pajjiżi benefiċjarji lejn il-Komunità tkun tnaqqset, bħala regola, b'mill-inqas ammont simili.”

2. L-Artikolu 3(1) għandu jinbidel b'dan li ġej:

“1. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 1(4) u l-Artikolu 2, l-ammont totali tas-self offrut lil kull pajjiż għandu jsir disponibbli mill-Kummissjoni flimkien ma' l-ewwel ħlasijiet perjodiċi ta' l-għotjiet. Il-bqija tal-komponent ta' l-għotja ta' l-għajjnuna għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni mill-Kummissjoni fi ħlasijiet perjodiċi suċċesivi, bla ħsara għall-istess dispożizzjonijiet.”

3. L-Artikolu 5(2) għandu jinbidel bit-test li ġej:

“2. Qabel il-31 ta' Diċembru 2004, il-Kunsill għandu jeżamina l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għal dik id-data fuq il-bażi ta' rapport komprensiv mill-Kummissjoni, li għandu wkoll jitressaq quddiem il-Parlament Ewropew.”

Magħmul fi Brussel, fl-20 ta' Marzu 2000.

Fisem il-Kunsill

Il-President

J. GAMA